MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2008

Talba Numru. 374/2008

**Edmund Barbara I.D. 458139(M)**

**Vs**

**Kenneth Attard I.D. 471882 (M) u**
**Isabelle Attard**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ elf, sitt mija u sebgha u sebghin Euro u hmistax-il centezmi (€1,677.15), seba’ mija u ghoxrin liri Maltin (Lm720), rapprezentanti l-import ta’ erbgha u ghoxrin (24) kambjali skaduti u mhux imhallsa (kopja Dok EB1 sa EB8).

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-iskadenza ta’ kull kambjala kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lill-attur Edmund Barbara li konferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuti ihallsu s-somma ta' elf, sitt mija u sebgha u sebghin Euro u hmistax-il centezmu (€1,677.15), seba'mija u ghoxrin liri Maltin (Lm720) bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------